# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI 2970

**Kaz Nru. 4074 /HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**John Grixti (K.I. 51372 M)**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Ltd (C-27581)**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikorrent John Grixti li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2022. Meta beda jinstema l-kaz ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Andrew Grima u ghas-socjeta ntimata dehret Ms Joanna Calleja li kienet assistita mill-Avv. Joe Zammit Maempel.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrent jghid, li kien gie ngaggat mis-socjeta Malta Freeport Terminals Limited bhala Clerk fis-16 ta' Lulju, 2001 u**

**fl'2008 kien gie promoss ghal grad ta' Shift Leader, liema kariga baqa' jokkupa sat-terminazzjoni ta' l-impjieg li saret fit-28 ta' Frar, 2022.**

**Huwa jghid ukoll, li f'perjodu ta' 21 sena li kien ilu fl'impieg mas-socjeta ntimata, dejjem qeda dmiru tajjeb u dejjem skond l-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu minghajr xkiel lejn hadd u b'lealta assoluta lejn il-kumpanija.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll li fil-25 ta' Jannar, 2022 wara li kien spicca s-shift tieghu u waqt li gie spezzjonat il-baskett tieghu, instab li kellu fil-pussess tieghu ammont ta' sigaretti gewwa l-Freeport u permezz ta' ittra datata 28 ta' Jannar, 2022 huwa gie akkuzat li :**

- **Nstabt fil-pussess ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju gewwa l-Freeport;**
- **Nqast milli tiddikjara l-istess sigaretti mas-Security, hekk kif inhi l-procedura;**
- **B'impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kumpanija;**
- **Dan aggravat bil-fatt li dan mhux l-ewwel kaz tieghek u li inti tokkupa l-grad ta' Middle Management.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll, li wara l-hrug tac-charge tlaqqgha l-Bord ta' Dixxiplina fejn instab hati u l-impjieg tieghu gie terminat.**

**Huwa jghid ukoll, li appella mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina fejn ghamel l-argument, li l-Bord ta' Dixxiplina kien ghamel apprezzament**

**hazin tal-provi, li l-elementi formali tar-reati addebitati lilhu ma gewx ippruvati u li d-decizjoni ta' terminazzjoni ta' l-impjieg kienet sproporzjonata.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li minkejja ma kienx hemm decizjoni mill-Bord ta' l-Appell, is-socjeta ntimata xorta tterminat l-impjieg tieghu b'sehh mit-28 ta' Frar, 2022.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid li fl'10 ta' Mejju, 2022 ircieva d-Decizjoni tal-Bord ta' l-Appell li kkonfermat id-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina. Huwa jghid ukoll, it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ingusta u ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li qed jitlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikkjara li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ingusta u jordna dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghtih il-Ligi nkluz r-reinstatement fl-impjieg u kumpens xieraq u adegwat skond il-Ligi.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrenti tkecca mill-impieg wara li fil-25 ta' Jannar, 2022 nstab fil-pussess ta' ammont ta' sigaretti gewwa l-Freeport li fuqhom ma kienx thallas dazju u liema sigaretti nstabu f'basket fil-karozza tieghu mis-security tal-Freeport. Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti naqas milli jiddikjara s-sigaretti mas-security li hu qed jghid li dahhal mieghu gewwa l-Freeport.**

**Is-socjeta tkompli tghid li f'April, 2016 ir-rikorrenti kellu kaz fejn instab b'sigaretti bhal kaz odjern; ma kienx thallas dazju u kien ammetta permezz ta' ittra u kkometta ruhu li episodju simili mhux ser jerga jigri. Is-socjeta tghid ukoll, li hu kien qal li ser ihallas il-multi u c-charges kollha mitluba mid-Dipartiment tad-Dwana.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li wara dan il-kaz kienet harget twissija finali bil-miktub lir-rikorrenti u dan peress li ghamel ammissjoni u ntrabat li ma jkunx involut f'kaz simili.**

**Is-socjeta tghid ukoll li f'Settembru, 2021 inhareg rapport dixxiplinarju fil-konfront tar-rikorrenti meta kellu top-priority vessel u l-produttivita ta' dan l-istess vapur kienet baxxa tant, li l-manager tieghu kellu jmur hdejn l-operat tal-vapur u sab l-operat wieqaf.**

**Is-socjeta tkompli tghid wara l-proceduri tal-Bord ta' Dixxiplina, is-socjeta ntimata laqghet it-talba tar-rikorrenti li jsir out of Board settlement u dan sar wara li r-rikorrent ammetta li seta' agixxa differenti fil-kaz u konsegwentament huwa gie amonit bil-miktub.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, l-ahhar kaz kemm il-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll il-Bord tal-Appelli tqanqanilhom dubbji fuq il-verzjoni tar-rikorrenti li dahal bis-sigaretti minn barra; ha karozza tal-kumpanija minghajr ma qal il-verita ghalfejn rieda u telgha fuq vapur li ma kienx assenjat fuqu u minghajr awtorizazzjoni ghax jghid, li kien qed jipprova**

**jara jsibx cavetta tal-karozza li kien tilef. Is-socjeta tghid wkoll, li r-rikorrenti naqas milli jiddikjara mas-Security s-sigaretti li hu qed jghid li dahhal mieghu gewwa l-Freeport.**

**Is-socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, il-kaz tar-rikorrenti m'huwiex biss kaz ta' dixxiplina, izda huwa wkoll kaz kriminali fejn bhala Supervisor suppost jghati ezempju ghax jirraprezenta lill-Kumpanija bhala middle management.**

**Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti kien jaf tajjeb kemm il-Kumpanija tqis kazijiet simili b'mod serju meta kien gie sospiz fl'2016 u wara harget cirkulari lill-haddiema kollha fejn huwa car, li min jinstab b'oggetti illegali ser tintalab terminazzjoni tal-impjieg. Is-socjeta tkompli tghid, il-fatt li r-rikorrenti hallas multi relatati ma l-ahhar kaz li sehh f'Jannar, 2022 juri l-ammissjoni tieghu.**

**Fl'istqarrija taghha s-Socjeta tkompli tghid, li l-impjieg tar-rikorrent gie terminat fit-28 ta' Frar, 2022 u skond il-klawsola 8.8 tal-Ftehim Kollettiv li tghid "Fil-kazijiet kollha minbarra dik ta' terminazzjoni ta' mpieg, id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ma tidholx fis-sehh qabel jghaddi t-terminu koncess ghal appell".**

**Is-socjeta tghid ukoll, li hija setghet tittermina l-impjieg tar-rikorrenti fl'2016 meta kellu l-kaz li nstab b'sigaretti ta' kutrabandu, izda hadet id-**

**decizjoni li taghti cans lir-rikorrenti jitghallem minn din l-esperjenza avolja zgur li saret hsara lejn ir-reputazzjoni tal-Kumpanija.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li f'kumpanija kbira bhal Freeport trid tinzamm dixxiplina sabiex ikun hemm kontroll u l-ordni u b'hekk jigu salvagwardjati n-numru kbir ta' impjiegi tal-haddiema**

**Hija tghid ukoll, il-fatt li haddiem li jokkupa grad ta' middle management mhux talli jikser aktar min darba r-regoli, izda jkun involut f'att kriminali zgur ma treggix sabiex il-haddiema jirrispettaw l-Awtorita li jrid jirraprezenta wisq anqas biex jiehdu l-Kumpanija bis-serjeta.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li din kollha hsara li jaf ikollha effetti negattivi fuq il-Kumpanija jekk l-istess Kumpannija tonqos milli tagixxi b'dixxiplina u gustizzja sabiex turi li dan l-agir mhux tollerat; il-Kumpanija ghanda zero tolerance ghas-serq, il-kutrabandu u l-vjolenza fizika fuq il-post tax-xoghol; dan jigi mfakkar lill-haddiema kollha kull tant zmien, izda fil-kaz tar-rikorrentI dan jafu ghax gie moghti written warnings ghal aktar minn darba dwar kazi simili.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li din l-attitudni tar-rikorrenti wasslet lill-Kumpanija sabiex titterminalhu l-impjieg wara li gew ezawriti l-proceduri dixxiplinarji. Hija tghid ukoll, li kienet tghat opportunita lir-rikorrenti sabiex jirriforma ruhu, izda hu xorta wahda**

**immanifesta attitudni skoretta u t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet gusta.**

**Mill-provi jirrizulta, ir-rikorrent kien ilu 21 sena mpjegat mal-Malta Freeport Terminals Ltd u meta gie terminat l-impjieg tieghu fit-28 ta' Frar, 2022 huwa kien impjegat fil-grad ta' Shift Leader li hu kkunsidrat bhala grad ta' middle management.**

**Mill-provi jirrizulta li fit-28 ta' Jannar, 2022 is-socjeta ntimata harget "Charge" lir-rikorrenti li kien jghid "Nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar, 2022 int instabt fil-pussess ta' ammont ta' sigaretti gewwa l-Freeport li fuqhom ma kienx thallas dazju. F'April, 2016 inti kellek kaz simili fejn kont ammettejt n-nuqqas tieghek u ntrabat ruhek li mhux ser terga tirreperti dan l-agir**

**Ghalhekk int qed tigi akkuzat :-**

- **Nstabt fil-pusses ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju gewwa l-Freeport;**
- **Nqast milli tiddikjara l-istess sigaretti mas-Security hekk kif inhi l-procedura;**
- **B'impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kumpanija;**
- **Dan aggravat bil-fatt li dan mhux l-ewwel kaz tieghek u li inti tokkupa l-grad ta' Middle Management.**

**Mill-provi jirrizulta li wara r-rikorrenti gie mressaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina fejn instab hati u l-impjieg tieghu gie terminat, il-kaz tieghu instema' quddiem il-Board ta' l-Appelli fejn anke f'dan l-stadju nstab hati tal-akkuzi li gew imressqa fil-konfront tieghu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti fejn jghid, li kien shift ta' bil-lejl u meta spicca mix-shift li kien ghal hin ta' l'ghaxra u nofs ta' fil-ghodu u bhalma jsir is-soltu s-Security ghamel search u fil-basket personali tieghu li kien fil-karozza raw zewg grossos sigaretti.**

**Huwa jghid ukoll, li s-Security irreferew il-kaz lis-Snr Security Manuel Schembri u r-rikorrenti qallhu li z-zewg grossos ma kienux duty free ghax hu kien jaf li s-sigaretti tal-vapuri jkollhom miktub fuqhom duty free u dawn is-sigrattei kellhom boll tad-dazju.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li meta s-Snr Security ra s-sigaretti qallhu li dawn ghandhom il-boll tad-dazju u r-rikorrenti wiegeb li kien qallhu li ghandhom il-boll tad-dazju u mhux duty free u wara s-Snr Security ha ritratt tal-boll tad-dazju biex ikollu evidenza u qal lir-rikorrenti li jista jmur id-dar u jekk hemm xi haga li kiser jikkuntatjawh il-kumpanija.**

**Huwa jghid ukoll li mar id-dar izda fl'ghaxra u sebgha u hamsin minuta, gie nfurmat mis-Snr Security biex jirritorna x-xoghol sabiex ikellmuh tad-Dwana u fil-fatt hekk ghamel, mar l-ufficcju dirett tad-Dwana pero qabel ma dahal l'ufficcju kien hemm is-Snr Security u qallhu biex jghatih**

**il-grossos tas-sigaretti biex idahhalhom hu ghand tad-Dwana u r-rikorrenti baqa jistenna barra ghal xi siegha u nofs.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li wara hargu l-ufficcjali tad-Dwana u qalulhu li jista jidhol sabiex ikellmuh ghax hemm problema. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li qal lil Lawrence Cardino u ndikalu li l-pakketti tas-sigaretti kellhom il-boll tad-dazju, imma Lawrence Cardino ma hax ritratt tal-pakkett imma ta' taht il-barcode fejn b'ittri zghar u li bil-kemm tinduna hemm miktub duty free u kien xokk ghalih meta qalulhu li hemm miktub duty free.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, wara mar il-Legal Office u kellem lis-Sur Camilleri u qallu ghal liema raguni se jhallas id-dazju u multa meta s-sigaretti kellhom il-boll tad-dazju bhal meta tixtri minn kwalunkwe hanut.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid li s-Sur Camilleri qallhu, li din kienet procedura gdida u hija daqsxejn misleading ghax dawk li jkollhom il-boll bhal tad-dazju ghax huma sigaretti li gie moghti permess biex jinbieghu fil-Valleta Cruise Terminal u fl-Airport biex ikunu jafu x'qed jinbieh minn dawn iz-zewg postijiet sabiex ikun hemm kontroll kemm qed johrog materjal bid-duty free, ghax jekk xi hadd jixtri minn dawn iz-zewg postijiet u jarmi l-kaxxa, Il-pakketti li ma jkollhom xejn indikat jistghu jigu mibjugha skond il-prezz li jinbieghu mill-hwienet ta' barra.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid li lmenta mas-Sur Camilleri u dan mar jkellem lis-superjur tieghu u wara qal lir-rikorrenti li hu kellu l-kaxxa tas-sigaretti u mhux il-pakketti biss tas-sigaretti u fuq il-kaxxa hemm miktub duty free u li ma rax dan il-kliem kien nuqqas tieghu u kellu jhallas.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li rigward ir-rapport li sar fil-konfront tieghu li kien bil-karozza hdejn vapur, kien ghar-raguni li ftit taz-zmien qabel kien tilef ic-cwievet tal-karozza u meta gara l-kaz beda jfittex fuq it-Terminal min fejn kien ghadda.**

**Huwa jghid ukoll, li kien avza lid-Duty Manager is-Sur Salvu Fenech li jekk isibu xi cwievet tad-Daihatsu biex iwarabhomlu ghax kienu tieghu. Izda meta ghaddew xi tlett ijiem u ma nstabux ic-cwievet beda jassumi li waqaw fuq xi vapur u beda jmur ifettex fuq zewg vapuri li kien xoghol fuqhom u staqsa lil crew jekk sabux xi cwievet.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li bhala shift leader hu setgha jmur fi kwalunkwe post fil-Freeport anke fiz-zoni fejn m'humiex taht ir-responsabilitajiet tieghu u ma kellux bzonn il-permess li jmur fil-postijiet fejn mar.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti spjega, li meta spiccat il-pandemija missier il-mara tieghu kien wassal habib tieghu il-Valletta Cruise Terminal biex imur cruise u meta rritorna xtralhu zewg grossos sigaretti.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li l-habib ta' missier il-mara kien ilhu jcempillhu biex jghatih iz-zewg grossos sigaretti, izda peress li missier il-mara hu persuna vulnerabbli ma kienx qed johrog u qal lir-rikorrenti biex jiltaqa mal-habib tieghu sabiex jigi moghti z-zewg grossos sigaretti u fil-fatt hekk ghamel qabel ma dahal ghax-shift ta' bil-lejl il-gurnata ta' qabel.**

**Huwa jghid ukoll, li meta ltaqgha mal-habib tal-kunjatu u gie moghti s-sigaretti ccekkja z-zewg grossos sigaretti biex jaccerta ruhu li kien fihom il-boll biex ma jergax jghaddi mill-inkwiet li kellu fit-2016 u peress li ra li kellhom il-boll, meta dahal ghax-xoghol ma kellux ghalfejn jghid lis-Security.**

**Quddiem it-Tribunal Industrjali xehed Loris Scardino li ghandu l-grad ta' Process Enforcement Officer il-Malta Freeport Terminals.**

**Mix-xhieda ta' Loris Scardino jirrizulta, li rrikorenti f'dak il-lejl ta' l-incident kien deployed fil-bidu tal-moll Terminal 1 u r-rikorrenti kien talab permess lid-Duty Manager biex juza l-karozza tal-kumpanija biex isegwi s-shift change fil-bidu tal-moll.**

**Mix-xhieda tieghu jirrizulta wkoll, li l-karozzi tal-kumpanija huma nforniti b'GPS u beda jigi nnutat li din il-karozza, li kienet misjuqa mir-rikorrenti kienet fuq n-naha l-ohra tal-moll fejn ir-rikorrenti ma kellux permess li jitlaq minn fejn kien deployed u jmur f'din in-naha tat-Terminal.**

**Fix-xhieda tieghu tas-Seduta tal-Hamis 22 ta' Settembru, 2022 pagna 8, huwa jghid "Ahna bdejna naraw din il-karozza n-naha l-ohra tal-moll. M'ghandu x'jaqsam xejn (riferenza ghal fejn kellu jkun deployed ir-rikorrenti). Minn fejn qed nahsbu li gew is-sigaretti. Kellimna lix-Shift Leader ta' dak il-vapur kif ukoll l-iskrivan kif ukoll id-Deckman li kienu mmanjati mal-krejn l-eqreb ta' dan il-vapur l-iehor, it-tarf l-iehor tal-moll fejn ikkonfermawlna kollha li raw lil Mr Grixti jigi hdejn il-vapur, jitla' l-iskala u jinzel basket. Dan xehduh fil-Bord ta' Dixxiplina".**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Joanne Calleja, Human Resources Manager fejn ipprezentat email minghand Lawrence Cardino indirizzata lix-shift Leaders, Supervisor, duty managers, MFT Officers jigifieri l-operations management kollu.**

**L-email li prezentat datata 25 ta' Novembru, 2015 tghid "be remainded that you are to board only vessels assigned to you by the duty manager at the start of the shift. Only the duty manager or higher management may issue instructions to board a different vessel".**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali tas-seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju, 2023 xehed David Delmar fejn qal li qabel il-COVID-19 kien mar cruise u xtara sigaretti. Huwa jghid ukoll, li kien hemm xi hadd li tah wiehed bhalhom pero ma kienux ghogbuh u ghaldaqstant ma pejjiphomx u kien halliehom id-dar u meta ghadda z-zmien l-mara tieghu qaltlhu x'kien se jghamel bihom u qal ntiehom lil Ninu fejn cempillu u qallhu ha nibghat lil**

**xi hadd titltaqa mieghu nofs triq u jahseb li tahhom lil dan ir-ragel (jirreferi ghar-rikorrenti).**

**Fix-xhieda tieghu f'pagna 3 David Delmar jghid ukoll "Jekk huma ghall-istess zewg grossos li kont tajtu darba biex itihom lill-habib tieghi ma nistax nghid jekk hux huma mija fil-mija jew le".**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Etienne Grech li jahdem ma Salvogrima fejn jghid, li s-sigaretti King kienu gabu zewg containers pero ma jiftakarx ezatt id-data li kienu gabuhom u jista jkun bejn 2019 u 2021. Huwa jghid ukoll, li ma jidhirlux li jinbieghu fis-suq Malti imma kienu jinbieghu fid-Duty Free Shop lill Valletta Cruise Port u dirattament lill Kaptan tal-vapur u tista tixtriehom meta tkun se ssiefer.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali r-rikorrenti pprezenta email li kien bghat lis-Sur Cutajar ta' Salvogrima li tghid "As sole agents for King cigarettes in Malta kindly advise whether these cigarettes, having the maltese duty sticker attached on the packet, are being sold from duty free shops found at the cruise liner terminal in Malta and from the Malta International Airport" u r-risposta tas-sur Cutajar kienet "King's cigarettes are available for duty-free sales at Travel Shipping (Valletta Cruise Terminal) but not from Malta International Airport"**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Anthony Borg Spettur tad-Dwana, Sezzjoni tat-Tabakk. Fix-xhieda tieghu jghid, li fil-kaz inkwestjoni s-**

**sigaretti huma duty free zgur ghax id-ditta hija King u dan gabu Salvogrima u kien gab kunsinna wahda biss pero ezatt ma jistghax jghid jekk jghatix lill vapuri tal-merkanzija biss u jekk jghatix ukoll is-sea Port Terminal.**

**Huwa jghid ukoll, li dawn is-sigaretti jistghu jinxtraw bhala duty free minn dawk il-passiggieri li l-itenerarju tal-cruise ghandhom next port of call pajjiz barra l-Unjoni Europea u jekk ikun fl'Unjoni Ewropea jistghu jixtru imma jhallsu il-full duty.**

**Pero t-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li fix-xhieda ta' Anthony Borg tas-seduta 4 ta' Lulju, 2023 pagna 8 jghid ukoll li l-pakkett "ghax la fih pictorial, il-health warnings lingwa wahda u EYD ma fihx. Ma jistax jinbiegh minn duty free shop".**

**Ghal mistoqsija tac-Chairperson tat-Tribunal li kienet "Jiena ha mmur cruise, ovvjament fit-terminal dhalt fid-duty free shop. Dak Nista nixtrih dak il-pakket?" u t-twegieba tax-xhud kienet "Ma ssibux hemmhekk le".**

**F'pagna 9 huwa jkompli jispjega li dawk it-tip ta' sigaretti huma ntenzjonati biss ghall crew ta' vapuri u mhux ghad-duty free shop fit-terminal.**

**F'pagna 9/10 ta' l-istess seduta x-xhud ikompli jghid "Biex prodott jinbiegh ghall-konsumatur anke minn duty free shop irid ikollu agent**

**registrat hawnhekk. Il-bqija ma jistax jinbieh. Irid ikun registrat mal-health. Issa Salvu Grima huwa mportatur ta' sigaretti li jgibhom minn pajjizi ta' barra l-EU bazikament huwa ghall-pajjizi ta' barra l-EU ukoll. Issa biex dan il-prodott seta', jigifieri Salvu Grima jimporta container, jaghmlu warehouse u meta jsib il-bejgh tieghu jerga johrogu mill-warehouse jaghmel container iehor u jixxipjah shih. Igib container. Biex johrog dan il-prodott li gabu darba biss biex jara hux vjabbli tajnih l-approval biex jordna l-banaroles biex jigi hekk, biss bil-premessa li dan jinbiegh bhala duty free fuq il-vapuri ghall-crew" Huwa jkompli jghid, li dan kien ghal vapuri tal-merkanzija u mhux ghal cruises.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Emanuel Schembri li ghandu l-grad ta' Senior Security mal-Freeport Corporation.**

**Fix-xhieda tieghu jghid, li kull minn johrog mill-gate tal-Freeport, hafna drabi anke kull min jidhol issir it-tfittxija fuqu u meta saret tfittxija fuq ir-rikorrenti waqt li kien hiereg mix-xoghol fuq is-seat ta' wara tal-karozza tieghu kien hemm basket fejn nstabu dawn is-sigaretti.**

**Huwa jghid ukoll li meta nstabu dawn is-sigaretti, is-security talab lir-rikorrent jekk meta dahal bihom ghax xoghol kiennx iddikjarahhom, ghax il-procedura hija, li meta bniedem diehel ghax-xoghol jekk ikollu xi affarijiet, jekk se jdahhal xi haga jiddikkjarahom u hemm formoli apposta fejn issir id-dikjarazzjoni ta' dak li se jdahhal.**

**Mix-xhieda tieghu jirrizulta wkoll, li meta nstabu s-sigaretti li kellu r-rikorrenti dawn suppost li gew iddikjarati meta dahal ghax-xoghol, imma r-rikorrent ma kienx iddikjarahom skond il-procedura.**

**Mix-xhieda tieghu jirrizulta, li fuq il-kartuna tas-sigaretti kien hemm boll pero huma xorta irreferew il-kaz lil tad-Dwana ghax ix-xoghol taghhom bhala security kien li jiskrutenaw il-persuni li jidhlu u johorgu mill-Freeport. Ghaldaqstant, ix-xhud jghid li huma tad-Dawna li ghandhom jivverifikaw jekk kienx thallas dazju jew kienx hemm kollox skond il-Ligi.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara l-ufficcjali tad-Dawna ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom irrizulta li s-sigaretti li kellu r-rikorrenti ma kienx thallas dazju fuqhom u r-rikorrenti hallas id-dazju fuq dawn is-sigaretti tal-kaz inkwestjoni.**

**Maltul il-provi t-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, l-ilment tar-rikorrenti li l-impjieg tieghu gie terminat qabel ma nstemgha l-appell quddiem il-Board ta' l-Appelli.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina il-Ftehim Kollettiv jirrizultalu, li klawsola 8.8 Appell mid-Dixxiplina tghid "Fil-kazijiet kollha minbarra dik ta' terminazzjoni ta' mpieg, id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ma tidholx fis-sehh qabel jghaddi t-terminu koncess ghal appell. F'kaz ta' terminazzjoni d-decizjoni tidhol fis-sehh b'mod immedjat u l-Bord tal-**

**Appel ghandu jisma tali Appel fi zmien hamest ijiem minn meta jintalab l-appell".**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-Kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jkunsidra huwa li r-rikorrenti jghid, li l-grossos tas-sigaretti ma kisibhomx mill-premises tal-Freeport fejn hu kien impjegat, imma dawn iz-zewg grossos sigaretti gew moghtija lilhu minn habib ta' hatnu li xtrahom ghalih meta mar Cruise.**

**Dawr dan l-aspett it-Tribunal Industrijali ezamina diversi provi u fil-waqt li Etainne Grech u l-email ta' Cutajar ta' Salvogrima jghidu, li dawn it-tip ta' sigaretti setghu jinxtraw mid-Duty Free Shop tal-Cruise Terminal, minn naha ta' Anthony Borg Spettur tad-Dawna fil-bidu tax-xhieda tieghu jghid, li ma kienx jaf ezatt jekk dawn it-tip ta' sigaretti setghux jinxtraw u jghid ukoll, li jekk ikun fit-territorju tal-Unjoni Ewropea kellu jithallas id-dazju.**

**Pero t-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li aktar tard fix-xhieda tieghu Anthony Borg jiddikjara  u jkun aktar preciz fejn jghid, li peress il-pakkett tas-sigaretti ma fihx pictorial, health warnings, lingwa wahda u EYD ma fihx dawn it-tip ta' sigaretti ma setghux jinxtraw mid-Duty Free Shop u l-permess li kien inghata kien biss li jinbieghu lil crew tal-vapuri merkantili.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li fix-xhieda ta' David Delmar fejn fil-waq li jghid, li kien ta' zewg grossos sigaretti lir-rikorrenti pero jghid ukoll, li ma jistax jikkonferma jekk dawk iz-zewg grossos sigaretti li kien xtara meta mar Cruise kienux mija fil-mija l-istess sigaretti li kien ta' lir-rikorrenti.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali meta jezamina dawn l-aspetti tal-provi jinnota, li ghalkemm mhux facli li jigi determinat minn fejn gew miskuba dawn it-tip ta' sigaretti, jekk mhux minn barra l-Freeport jew minn gewwa l-Freeport madanakollu, it-Tribunal Industrijali jinnota, li meta r-rikorrent kien gie akkuzat mis-socjeta ntimata, huwa ma giex akkuzat minn fejn kiseb dawn it-tip ta' sigaretti imma gie akkuzat li :**

- **Nstabt fil-pusses ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju gewwa l-Freeport;**
- **Nqast milli tiddikjara l-istess sigaretti mas-Security, hekk kif inhi l-procedura;**
- **B'impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kumpanija;**
- **Dan aggravat bil-fatt li dan mhux l-ewwel kaz tieghek u li inti tokkupa l-grad ta' Middle management.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-ewwel akkuza dik "Nstabt fil-pusses ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju gewwa l-Freeport" mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali jinnota li ghalkemm ir-**

**rikorrenti jghid li haseb li dawn is-sigaretti kien thallas id-dazju fuqhom ghax kellhom boll, pero mill-provi jirrizulta, li d-dazju fuq dawn is-sigaretti ma kienx thallas u kien wara li nstabu dawn is-sigaretti mis-Security meta r-rikorrenti kien hiereg mill-Freeport u gie rrapurtat lil tad-Dwana li r-rikorrenti hallas id-dazju ghal dawn is-sigaretti.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina it-tieni akkuza li tghid "Nqast milli tiddikjara l-istess sigaretti mas-Security, hekk kif inhi l-procedura" it-Tribunal Industrijali jibda biex jinnota, li r-rikorrenti jghid meta dahal ghax-xoghol ma kienx iddikjara dawn is-sigaretti mas-Security peress li kellhom boll u haseb li kien thallas id-dazju fuqhom..**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li mix-xhieda tas-Snr Security Officer jirrizulta, li meta kull haddiem jidhol ghax-xoghol anzi jghid, li kull persuna li tidhol il-Freeport hemm procedura shiha li ghandhu jiddikjara l-komoditajiet kollha li jkun se jdahhal fil-premises tal-Freeport.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li r-rikorrenti kien obbligat li meta dahal ghax-xoghol, huwa kellu jiddikjara s-sigaretti specjalment meta wiehed jikkunsidra, li s-sigaretti huma komodita sensittiva hafna, ghax minna saru diversi abbuzi u ghaldaqstant meta r-rikorrenti ma ddikjarhomx huwa kiser il-procedura stabilita mill-Freeport.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti gie akkuzat "B'impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kumpanija". Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li ma kien hemm l-ebda impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kumpanija u dan ghar-raguni li l-kumpanija aggixxit biex tiehu l-passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li akkuza ohra li saret fil-konfront tar-rikorrenti kienet "Dan aggravat bil-fatt li dan mhux l-ewwel kaz tieghek u li inti tokkupa l-grad ta' Middle Management".**

**Dwar din l-akkuza t-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li r-rikorrenti matul il-hajja ta' l'impjieg tieghu diga kellu kazijiet ohra ta' dixxiplina u huwa jokkupa grad ta' supervizjoni li ghandu r-responsabilita li jghati ezempju.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li matul il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali saret riferenza fejn dak inhar tal-kaz inkwestjoni, ir-rikorrenti illarga minghajr il-permess tal-management mill-post tax-xoghol fejn kien assenjat li jahdem u mar f'area ohra tat-terminal u tela fuq vapur meta ma kienx awtorizzat li jitla fuqu u dan sar bi ksur ta' l-istruzzjonijiet mahruga mill-management datata 25 ta' Novembru, 2015.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-ilment tar-rikorrenti li l-impjieg tieghu gie terminat qabel ma gie deciz mill-Bord ta' l-Appelli.**

**Dan it-Tribunal Industrijali meta jezamina klawsola 8.8 tal-Ftehim Kollettiv jasal ghal konkluzjoni, li peress il-piena ta' dixxiplina kienet terminazzjoni ta' impieg, id-decizjoni tal-management li ttermina l-impieg tar-rikorrenti qabel ma l-kaz instema' mill-Board ta' l-Appelli, id-decizjoni tal-management ma saritx bi ksur tal-Ftehim Kollettiv.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, jezamina l-akkuzi li saru mis-socjeta ntimata fil-konfront tar-rikorrenti li nstab fil-pussess ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju gewwa l-Freeport, naqas li jiddikjara l-istess sigaretti mas-Security skond il-procedura, isib u jasal ghal konkluzzjoni li dawn l-akkuzi gew ikkonfermati fil-konfront tar-rikorrenti u kien hemm gustifikazzjoni li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu u t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet gusta u ma saritx bi ksur tal-Ligi.**

**Minhabba nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffrimat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 13.02.2024**